SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tnejn u tletin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2013 fil-5:30 ta' filghaxija fl-ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa |
| Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| Kunsilliera: | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |

Segretarju Ezekuttiv: Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

### 3.0 Korrispondenza

3.1 Giet trattata l-ittra minghand il-Bord tal-Governanza rigward ir-rapport li s-Sindku Anthony Formosa ghamel fil-konfront tal-kunsillier John Mercieca. Fl-ittra tieghu l-Bord gibed l-attenzjoni tal-Kunsillier Mercieca u tal-kunsilliera kollha sabiex "L-ebda membru tal-Kunsill jew ta' xi kumitat jew sottokumitat m'ghandu, f'isem jew ghan-nom tal-Kunsill:

(a) Jispezzjona artijiet jew postijiet li l-Kunsill ghandu dritt jew dmir li jispezzjona; jew
(b) Johrog ordnijiet, struzzjonijiet jew direzzjonijiet;

Kemm-il darba ma jkunx awtorizzat li jaghmel hekk mill-Kunsill jew kumitat jew ikun sotto-kumitat rilevanti."

3.2 Giet trattata l-email minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Persuni b'Dizabilita u Anzjanita' Attiva rigward in-nominazzjoni tal-anzjan tas-sena. Il-Kunsillier John Mercieca ssuggerixx li jekk l-applikazzjoni ghadha valida, jinnomina lil Guzepp Formosa, eks sagristan li minkejja l-eta tieghu ghadu jahdem hafna ghal-knisja u ghal parrocca. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.3 Giet trattata l-ittra minghand il-Kap tal-Iskola Dun Salv Portelli fejn irrefera ghal progett ta' Play Area li twettqet fl-iskola, liema progett huwa parti ffinanzjat taht Eko-Gozo. Il-

Kap semma' li l-iskola fadlilha thallas il-bilance ta' €396 u huwa talab lil Kunsill jekk jistax jghin f'dan il-progett. Il-Kunsill qabel li minhabba l-limitazzjonijiet finanzjarji tieghu lest li jaghti 50% tal-bilanc, jigifieri s-somma ta' €200. Il-kunsillier John Mercieca propona li bhala Kunsill ghandna nitolbu laqgha mal-kap tal-iskola l-gdid is-Sur Michael Refalo u nipprezentawlu din id-donazzjoni dakinhar tal-laqgha.

3.4 Giet trattata l-email tal-Perit Shawn Micallef rigward it-talba li ressaq il-Kunsillier John Mercieca sabiex passagg fid-Dwejra isir bil-crazy paving. Il-Perit semma' li huwa mar fuq il-post ma ufficjal tal-MEPA u li dan wera t-thassib tieghu kemm jista jsir xi tibdil fid-Dwejra ghax il-MEPA trid izzomm id-Dwejra kif inhi. Il-Perit pero halla d-decizzjoni ta' applikazzjoni tal-permess f'idejn il-Kunsill. Hawnhekk il-kunsillier Rose Vella rreferiet ghat-talba li resqulha xi bdiewa sabiex tal-inqas titranga r-rampa li hemm ma din l-istess triq peress li hija perikoluza hafna. F'dan ir-rigward sar qbil li ghandha ssir laqgha mal-Perit Micallef biex nistharrgu jekk dan jistax isir permezz ta' DNO mill-MEPA. Sar qbil li mal-Perit niddiskutu wkoll il-Pjan Lokali u l-immarkar ta' swimming zones.

## 4.0 Ic-Centru tad-Dwejra

4.1 Saret referenza ghal fatt li llum jaghlaq ufficjalment il-progett tal-Panacea u ghal fatt li hadna sal-ahhar moment biex intlahaq ftehim mal-MEPA biex jigi ffirmat l-agreement, pero finalment l-agreement jinsab iffirmat u qieghed f'idejn il-Kunsill. Fl-agreement il-MEPA ntrabtet li ghandha thallas il-fuel tal-generator ghal sitt xhur u li wara hames snin iz-zewg partijiet, jigifieri l-Kunsill kif ukoll il-MEPA jistghu jwaqqfu l-management agreement permezz ta' avviz bil-miktub minn tlitt xhur qabel. Biex il-Kunsill ikun jista' jsosstni l-management tac-Centru jrid jattwa l-Byelaaw li jaghmel entrance fee minima li biha jkun jista jhallas l-ispejjes tal-fuel wara dawn is-sitt xhur kif ukoll tal-gwidi tac-Centru. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li fl-ewwel hames snin tal-progett ma jistax isir profit peress li l-progett huwa EU funded.

4.2 Is-Sindku semma' li l-generator ittiehed fuq il-post flimkien mat-tank tieghu izda inhass il-bzonn urgent li ssirlu galvanized casing sabiex jigi protett mill-elementi kif ukoll biex ma jinsteraqx. Peress li l-generator bhalissa jinsab bla case, gie mqabbad persuna sabiex joqghod mieghu bhala watchman matul il-lejl minn nhar il-Hamis 'l hawn. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li sakemm issir il-casing il-generator ghandu jerga jitnehha mil-post tieghu. Il-Kunsill qabel mal-istima ta' Lawrence Mizzi ghax-xoghol tal-casing ghal prezz ta'€700 + VAT. biex isir ix-xoghol kemm jista jkun malajr biex il-generator ikun jista' jithaddem issa li t-trinka hija lesta.

4.3 Is-Segretarja rreferiet ghal fatt li din il-gimgha giet avvicinata mil-kapillan tal-kapella Sant'Anna d-Dwejra dwar il-fatt li huma ghandhom il-pannelli fotovoltaici fuq il-bejt tal-kapella u li lesti li jbieghu l-elettriku lill-terzi. Din kienet tkun l-ahjar soluzzjoni ghad-dawl fic-Centru izda issa li xtrajna l-generator mill-progett u li l-agreement mal-MEPA jghid li jrid jithaddem b'generator, ghandna nimxu mal-kuntratt u mbaghad ghal futur wiehed ghandu jikkunsidra din l-option.

**5.0 Il-progett tal-Pjazza**

5.1 Is-Sindku semma' li ghandna nikkuntatjaw lil kuntrattur Richard Cauchi sabiex ikompli x-xogholijiet tad-dawl tal-Pjazza ghax minn naha tieghu issa jista jehlishom.

5.2 Il-Kunsilliera Rose Vella semmiet li giet avvicinata rigward il-htiega ta' bankiijiet fil-pjazza. Is-Segretarja semmiet li ser ikun hemm bankijiet pero l-offerta tal-istreet furniture ghadha pendenti.

5.3 Huwa semma' wkoll li x-xoghol tal-pavimentar mistenni jinbeda fil-jiem li gejjin peress li l-materjal wasal biex jasal f'Malta. Il-kunsill qabel li ghandha tinzamm laqgha mal-kuntrattur Joe Grima, Transport Malta u l-Perit Edward Scerri sabiex jigi diskuss it-Traffic Plan li ser jigi addottat waqt l-andament tax-xoghol biex kemm jista jkun jigi evitat kull inkonvenjenza.

5.4 Giet trattata l-problema li qed niffacjaw fil-pjazza bhalissa fl-area tal-pavimentar peress li ghad mhemmx bolards u organizzazzjoni kkagunata minn manuvrar ta' karozzi fl-areas li ma humiex destinati bhala triq u li jistghu jaghmlu l-hsara. Issemmiet wkoll it-talba li xi residenzi ta' Trejqet l-10 t'Awwissu ma jkunux jistghu jdawru l-vettura taghhom. Il-Kunsill qabel li fil-prezent l-ahjar soluzzjoni hija li ssir tabella Towing Zone fl-area fejn ma ghandhiex tkun accessibli.

**6.0 Progett tal-isqaqien**

6.1 Is-Sindku semma' li x-xoghol huwa miexi gmielu u s'issa mhux qed niltaqghu ma problemi kbar.

**7.0 Wara l-Youth Exchange**

7.1 Is-Segretarja rreferiet ghal Youth Exchange ta' Settembru 2013 bhala wahda ta' success kbir u li ghas-sajf 2014 diga ghandna zewg stediniet ta' Youth Exchanges f'Cipru u fl-Italja. Il-kunsillier John Mercieca lmenta ghal fatt li s-serata finali saret f'festa pubblika. Is-Segretarja wiegbet li kellu jsir hekk peress li s-serata final ital-progett trid tkun fl-ahhar lejl u minhabba flights u problem ohra logistici l-exchange giet organizzata mill-1 sad-9 ta' Settembru bit-8 ta' Settembru tkun l-ahhar lejl tal-progett. Sar qbil li fi progetti futuri dawn l-affarijiet jigu evitati kemm jista jkun.

**8.0 Harga ghall-anzjani u harga ghall-Malta**

8.1 Is-Segretarja rreferiet ghall-istedina li ghamel il-kap tal-iskola sabiex il-komunita' tinghaqad mal-iskola f'harga li ser jaghmlu ghal Malta nhar l-10 t'Ottubru 2013. Il-Kunsill qabel li fid-dawl li ta' kull sena bhal dan iz-zmien norganizzaw harga f'Malta, sar qbil li ghandna ninghaqdu mal-iskola u tkun harga wahda. Sar qbil ukoll li fil-gimgha ta' wara ghandha tigi organizzata s-soltu harga ghall-anzjani f'Ghawdex.

8.2 Il-Kunsill qabel ukoll li fl-ewwel gimgha ta' Dicembru ghandu jorganizza Weekend-Break f'Malta. Sar qbil li ghandhom jinhargu l-avvizi ta' dawn l-attivitajiet.

**9.0 Pjan Lokali**

9.1 Saret referenza ghal-laqgha ma' ufficjali tal-MEPA li taw bidu ghal ftuh ta' konsultazzjoni rigward il-Pjan Lokali. Il-pubbliku setgha jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu mal-MEPA u l-Kunsill qed jitlob kopja taghhom biex b'hekk finalment ikun jista jressaq it-talba globali tieghu. Sar qbil ukoll li ghandna nahsbu dwar xi progetti kapitali jew xi tibdil li nixtiequ jsir fil-pjan lokali. Il-Vici Sindku sahaq sabiex ninsistu fuq l-importanza tal-bini ta' housing estate fi Triq it-Torri.

**10.0 Materji ohra**

10.1 Il-Kunsillier irrefera ghax-xoghol li sar tat-thaffir tat-toqob tal-antarjoli tal-festa u ghal fatt li saret hsara lit-triq. Huwa semma' li hemm bzonn li nwittuhom b'romblu. Is-Sindku semma' li ser imur jispezzjona dan l-ilment ghax huwa mhuwiex konxju minnhu u naraw x'jinhtieg li jsir.

10.2 Sar qbil li ghandna niktbu lill-Enginier Bajada tat-Taqsima Indafa Pubblika u nitolbu sabiex issir tiswija lit-tarag li jaghti ghaz-Zirka, fid-Dwejra.

10.3 Il-Vici Sindku Anthony Cassar staqsa kemm gew jiswew it-thaffir tat-toqob tal-antarjoli tal-festa. Is-Segretarja kkonfermat li gew jiswew €250.

10.4 Il-Kunsillier John Mercieca talab skuza ufficjali ghal fatt li ma kienx prezenti ghal-laqgha mal-Kap tal-oppozizzjoni Simon Busuttil pero huwa semma li kien infurmat b'din il-laqgha ftit jiem qabel biss. Is-Segretarja semmiet li malli rceviet l-email dwar din il-laqgha, giet mibghuta lilhom mill-ewwel.

10.5 Il-kunsillier John Mecieca talab sabiex titwahhal mera quddiem ir-residenza tieghu peress li qed isibha difficli biex johrog bil-vettura tieghu mill-garage.

Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*